MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-18 ta' Settembru, 2006

Talba Numru. 1784/2004

**Charles Bezzina**
**vs**
**Damian Schembri**

It-Tribunal

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-attur talab hlas tas-somma ta’ seba mitt lira Maltija (Lm700) rapprezentanti danni sofferti f’incident li sehh nhar l-14 ta’ Frar 2003 bejn il-vettura propjeta tieghu HMY-210 u l-vettura tal-konvenut KAA-943 fi Triq is-Sorijiet San Giljan, b’l-ispejjez.

Ra r-risposta tal-konvenut li permezz taghha dan qal li t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda stante li l-incident de quo sehh tort ta’ l-attur.

Ra d-dokumenti esebieti nkluz l-affidavit ta’ Clint Ellul.

Sema x-xhieda ta’ Charles Bezzina, PS 547 Martin Agius, Damian Schembri u Clint Ellul.

Sema t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra

Din hija kawza ghad-danni sofferti mill-attur fil-vettura tieghu Ford Transit b’numru ta’ registrazzjoni HMY-210 f’incident li sehh f’l-14 ta’ Frar 2003 fi Triq is-Sorijiet San Giljan; il-vettura l-ohra involuta f’l-incident hija dik ta’ tip Skoda Felicia b’numru ta’ registrazzjoni KAA-943 propjeta u misjuqa mill-konvenut Damian Schembri.

It-Tribunal ihoss li ghandu mill-ewwel jirrileva diversi fatturi u nkonsistenzi li jirrizulta minn ezami tax-xhieda mghotija u anke d-dokumenti esebieti:-

- Din il-kawza saret ghall-ammont ta’ seba mitt lira Maltija (Lm700) pero’ l-attur f’l-ebda moment ma qal kemm kienu jammontaw il-hsarat li garrbet il-vettura tieghu, lanqas ma gab xhieda biex jghidu dan minfloku.
- L-attur m’ghandux *invoices* relattivi ghat-tiswijiet ghax skond hu l-*mechanic* “*rranga direttament ma’ l-insurance*”; pero f’l-istess hin jghid li l-*mechanic* ghadu ma thallasx.
- L-unika dokument li prezenta l-attur kien *survey report*; dan ma jirreferiex ghal danni ammontanti ghal seba mitt lira Maltija (Lm700) imma ammont ferm anqas.
- Il-konvenut thallas ghad-danni sofferti minnu f’dan l-incident u l-hlas sar mill-attur (tramite l-*insurance*) ghalkemm l-attur jghid li l-hlas kellu jaghmlu bilfors ghax altrimenti l-*insurance* tieghu ma kenitx ser tiggedded.
- L-attur jghid li huwa kien wieqaf fil-mument ta’ l-impatt; hu spjega li waqaf ghax ra lill-konvenut nizel fit-triq. Min-naha l-ohra x-xhud Clint Ellul in kontroezami jghid li l-attur kien qed icaqlaq il-van kemm kemm biex ikun jista jghaddi t-traffiku.

Tenut kont ta’ dawn il-fatti u tenut kont tal-fatti l-ohra tal-kaz, nkluz il-parti tat-triq fejn sehh l-incident u l-konfigurazzjoni taghha, u l-hsara riskontrata fil-vetturi, t-

Tribunal huwa tal-fehma li l-attur ma rnexxilux jissodisfa l-oneru tal-prova li anke fuq bazi ta’ ekwita huwa mehtieg biex isostni t-talba tieghu.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jichad it-talbiet attrici b’l-ispejjez kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------